MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 442/2013

**Artikoli 17, 23, 31, 209, 214, 215, 218(1)(b)(2), 217, 251B, 251C, 339(1)(d)(e), 373, 382A, 383, 384, 386, 412C, 533 u 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**ROBERT FITENI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat Robert Fiteni**,** iben Anthony u Rita nee' Fiteni, imwieled fl-ewwel ta' Gunju, 1979 gewwa Pieta' u li joqghod 6, Fiteni Terribile, Triq l-Ghajn Maltija, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 261979(M) gie akkuzat talli nhar id-9 ta' Mejju 2013 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (13.30hrs) gewwa 6, Fiteni Terribile, Triq -Ghajn Maltija Zebbug:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi per durata u cioe' billi ikkaguna sfregju permanenti f'wahda mill-idejn ta' Adriana Stecoane u/jew persuni ohra, hekk kif iccertifika Dr. Chloe Bugeja mic-Centru tas-Sahha Hal Qormi;

2. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' lil huh Philip Fiteni u Adriana Stencoane biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprejeta' taghhom;

3. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi: ingurja u hedded fejn mhux imsemmi band'ohra, f'dan il-kodici jew provoka, ingurja b' mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni lil Philip Fiteni u lil Adriana Stencoane u/jew persuni ohra.

4. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi: hebb kontra Philip Fiteni, sabiex jingurjah, idejjaq jew jaghmel hsara lil Philip Fiteni, jew lil haddiehor

5. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi: ikkometta reat kontra l-pudur u l-Morali ta' Adriana Stencoane u/jew persuni ohra.

F'kaz ta’ htija, il-prosekuzzjoni talbet li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Philip Fiteni u Adriana Stencoane ai termini tal-Artikolu 412 tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u fedina penali tal-imputat.

**L-Ispettur Roderick Agius** xehed fit-23 ta’ Mejju, 2013 fejn iddikjara li fid-disgha ta' Mejju, tas-sena elfejn u tlettax ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kien gie nfurmat minn PS 845 li kien hemm argument gewwa Triq Fiteni Terribili, Haz-Zebbug bejn zewgt ahwa u kien hemm it-tfajla ta' wiehed mill-ahwa li giet milquta. Philip Fiteni flimkien mat-tfajla tieghu marru jaghmlu rapport l-Ghassa Haz-Zebbug kontra huh Robert Fiteni li x-xhud gharaf fl-awla.

Philip Fiteni stqarr li Robert Fiteni kien mar lura d-dar dizappuntat ghaliex kien mar ghas-sodisfazzjoni mal-partner t'ohtu, dan ma sabux id-dar sewwa u kif mar lura d-dar mela lil kulhadd bit-tensjoni. Huwa nizzel il-qalziet u pponta l-posterjuri tieghu lejn huh u lejn it-tfajla tieghu u hemm huh hassu offiz u qam argument fejn Adriana Stencoane marret tipprova tferraqhom u hemm bit-*trimmer* tal-lehja, xejjru, u laqatha fuq in-naha ta' idejha. Eventwalment giet mitluba tmur ic-Centru tas-Sahha ta' Hal Qormi sabiex tiehu l-kura necessarja u eventwalment tipproduci certifikat mediku. Ix-xhud qal li hija pproduciet certifikat mediku mahrug minn Dr. Chloe Bugeja fejn iccertifikat li kienet qed issofri minn feriti ta' natura gravi.

Eventwalment il-Pulizija arrestat lil Robert Fiteni gewwa l-ghassa Hal Qormi fejn dan inghata s-solitu twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat tal-fiducja tieghu fejn f'dak l-istadju rrifjuta li jaghmel dan. Ittiehdet l-stqarrija fejn ikkonferma dak li kien qal huh Philip u cioe' li

kien inqala' argument bejniethom u t-tfajla ta' huh dahlet biex tferraqhom u xejrilha daqqa b'dan it-*trimmer* u laqatha f'idejha.

Huwa pprezenta l-istqarrija li ttiehdet nhar id-disgha ta' Mejju, elfejn u tlettax ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' fl-ghaxija li fiha x-xhud gharaf il-firma tieghu, il-firma tal-imputat Robert Fiteni u ta' PS 772. Din l-istqarrija giet immarkata bhala DOK RA1.

Giet esebita ukoll id-dikjarazzjoni fejn Robert Fiteni ffirma li ma kellux bzonn id-dritt ta' parir legali qabel l-Istqarrija, DOK RA2 u esebixxa ukoll it-*trimmer* illi kien xejjer id-daqqa biha l-imputat bhala DOK RA3. Ix-xhud iddikjara ukoll illi dawn iz-zewgt ahwa sussegwentement tressqu l-Qorti b'arrest quddiem il-Magistrat Miriam Hayman minhabba l-fatt li dan ma kienx incident ta' darba u sahansitra lejliet dan l-incident kellha tirrikorri ukoll il-Pulizija f'din ir-residenza fejn ukoll ittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' dak l-incident li kien gara qabel, fost hafna incidenti li kienu jigru ta' sikwit. Mistoqsi jekk kienx prezenti waqt l-incident ix-xhud wiegeb li le ma kienx prezenti.

**Adriana Stencoane** xehdet bil-lingwa Ingliza izda tradotta ghall-lingwa Maltija fejn iddikjarat li kienet fir-residenza tal-genituri ta' Robert Fiteni u l-gharus taghha Philip f' Haz-Zebbug u kienu qed jaraw it-television filwaqt li jargumentaw izda fuq affarijiet frivoli. Qalet li l-imputat urieha l-warrani u l-gharus taghha ma setghax jaccetta dak l-agir ta' huh. L-gharus taghha qabad ir-*remote* u kien ha

jixhtu lejn id-direzzjoni ta' huh izda ma ghamilx dan. Hija teghlet fuq fejn kien hemm il-bieb imblokkat minn Philip u l-genituri tieghu. Robert kien hdejn ix-xhud li kien normali u ma ghamel xejn. L-gharus taghha mar ha jaqbez mit-tieqa biex jghaddi ghal huh. Dak il-hin hija rat li Philip li kellu t-*trimmer* resaq lejn huh u dak il-hin inholqot konfuzjoni shiha. Ix-xhud tghid li hi sfat mbuttata u tawha daqqiet ta' sieq fil-konfuzjoni waqt li kienet qed tipprova tifred lill-ahwa.

Dak il-hin beda jhossha itiha l-mejt u dak il-hin rat id-demm fuq idha x-xellugija. Philip x'hin ra hekk ta daqqa ta' sieq lil huh. Ix-xhud stqarret li s-sitwazzjoni kienet spiccat bla kontroll u illi hija ma hassitx id-daqqa izda rat biss id-demm u gharfet lill-imputat fl-awla. Mistoqsija jekk tridx xi haga mill-imputat ix-xhud stqarret illi hija ma trid xejn, u qalet *"No, I want him free"*. Mistoqsija rigward il-ferita li kellha qalet li kellha bzonn hdax-il punt. Ix-xhud uriet lill-Qorti il-ferita li kienet ghadha ma fieqitx izda pero' stqarret li kienet diehla ghax-xoghol dakinhar stess.

**PS845 Ian Vella** xehed fit-23 ta' Mejju, 2013 fejn pprezenta r-rapport immarkat bhala DOK. PV1. Iddikjara li WPC67 kienet dahlet fih izda hu bhala Surgent taghha rah u kien parti mill-investigazzjoni tal-kaz. Ix-xhud xehed fid-disgha ta' Mejju, elfejn u tlettax ghall-habta tas-saghtejn li gie infurmat minn WPC67 stazzjonata Haz Zebbug illi kien ghadu kif dahal rapport rigward vjolenza domestika. Hu kien infurmat illi certu Philip Fiteni u t-tfajla tieghu Adriana marru jirrapurtaw illi

Philip ghamillhom xi griehi waqt l-argument. Ix-xhud iddikjara illi dan l-argument inqala' minhabba cajta minn naha ta' Robert ghax neza' il-qalziet u wera l-warrani tieghu lit-tfajla ta' Philip u qabdu jargumentaw flimkien bil-konsegwenza li ndarbet it-tfajla u anke Philip u aktar tard irrizulta li anke Robert gie midrub.

Baghtuhom il-klinka sabiex igibu certifikat fejn Dr Chloe Bugeja harget certifikat illi Adriana kienet weggghet gravi. Baghtu ghal Robert Fiteni sabiex imur l-ghassa fejn gie arrestat u ttiehed il-Polyclinic tal-Furjana fejn gie ccertifikat li kien qieghed isfori minn griehi ta' natura gravi ghax kellu xi griehi f'wiccu. Sussegwentement saru nvestigazzjonijiet ohra mill-Ispettur.  Ix-xhud stqarr li gieli nqalghu ncidenti bejn l-istess ahwa izda dejjem irrangaw bejniethom u x-xhud gharaf lill-imputat fl-awla fejn qal ukoll li fil-hin tal-incident huwa ma kienx prezenti.

**It-tabib Dr. Mario Scerri M.D.** xehed fit-23 ta' Mejju, 2013 fejn iddikjara li hu kien gie nkarigat mill-Magistrat Miriam Hayman nhar l-ghaxra ta' Mejju, elfejn u tlettax sabiex jezamina lil Adriana Stencoane. In esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu huwa ezaminaha nhar it-tlettax ta' Mejju, elfejn u tlettax. Hi allegat illi hi t-tfajla ta' certu Philip Fiteni u dina tghix mieghu flimkien mal-familja ta' Fiteni fir-residenza hemm u dakinhar tal-incident kellhom xi jghidu l-ahwa Robert u Philip Fiteni ghar-raguni li Robert Fiteni apparentament mar quddiema, nizzel il-qalziet u espona l-aspett posterjuri. Huh ha ghalih

u gew fl-idejn. Stencoane qalet illi hija dahlet biex tferraqhom u rizultat ta' dan garrbet xi lezjonijiet.

Wara li t-tabib ezaminha sab li din kellha abbrazzjoni taht is-*supraorbital ridge* tax-xellug abbrazzjoni li hija kompatibbli ma' *blunt trauma* ta' natura hafifa u mhux suppost tibqa' marka fil-wicc u kellha lezjoni tawwalija li hija maghmula minn strument bil-ponta fuq l-aspett medjali ta' driegh ix-xellugija li kien jestendi l-quddiem ghal fuq cubital fossa tax-xellug. Hi kellha numru ta' *butterfly stitches* inseriti. Din hija lezjoni li hija superficjali ghalhekk abbrazzjoni u suppost tfieq minghajr *fibre formation* minghajr formazzjoni tac-cikatrici allura t-Tabib kien tal-opinjoni li din l-lezjoni mhiex ta' natura gravi. Din hija lezjoni ta' natura hafifa li mhux suppost thalli marka permaneneti li tidher minn *talking distance.* Ir-relazzjoni tat-Tabib gietipprezentata u mmarkata bhala **Dok. MS1.**

**L-Ispettur Roderick Agius** xehed fit-28 ta' Gunju, 2013 fejn esebixxa rapport immarkat bhala Dok AR1 li sar lill-pulizija nhar l-ghaxra ta' Marzu, elfejn u tnax minn Robert Fiteni li huwa l-imputat fil-konfront ta' huh Philip Fiteni. Rapport iehor immarkat Dok AR2 gie pprezentat li sar nhar it-tmienja ta' Mejju, elfejn u tlettax li sar mill-familja Fiteni rigward rapport ta' vjolenza domestika u griehi ta' natura hfief. Ix-xhud esebixxa ukoll rapport iehor immarkat bhala DOK AR3 li dahal lill-Pulizija fis-sebgha ta' Jannar, elfejn u tnax maghmul minn certa Rita Fiteni fil-konfront ta' Robert Fiteni.

**It-Tabib Dr. Chloe Bugeja M.D.** xehdet fid-9 ta' Ottubru 2013 fejn xehdet illi hija ezaminat lil Adriana Stencoane fid-9 t'Awwisu, tat-2013 li ghandha I.D. Card number 72955A kienet allegatament hebbew ghaliha u kellha lacerazjoni ta' 15cm fuq idha u kienet bejn 2mm u 3mm fonda u ma kienx hemm bzonn punti. Kella lacerazjoni ohra zghira fuq ghajnejha x-xellugija li ma kelliex bzonn punti fuqha wara illi Adriana qalet li kienet intlaqtet f'rasha u kienet sturduta izda ma kellhiex *nausea*. Spjegat illi hija kienet storduta dakinhar u ghalhekk ix-xhud irreferita biex taghmel X-Ray tal-ghonq u tawha parir minhabba d-daqqiet li soffriet minhabba *concusion*. Ix-xhud qalet li l-pazjenta kienet uzat il-kelma illi hija giet "*assualted*". Il-ferita giet definita bhala gravi ghaliex kienet ferita permanenti fuq l-idejn. Ic-certifikat gie esebit bhala Dok CBM1. Murija c-certifikat tat-Tabib Mario Scerri hija qalet li hija rat il-pazjenta fi zmien precedenti u meta  haga tista' tibqa' bhala marka hija xi haga ta' illuzjoni gravi ghas-semplici raguni li qeda f'post fejn ha tidher.

Qalet ukoll li hija ma tafx kif qeghda llum il-pazjenta. Mistoqsija jekk jistax ikun li l-feriti allegatament sofferti mill-vittma biz-zmien ma jibqghux jidhru gravi imma jistghu jkunu hfief hija qablet u kkonfermat dan.

Illi fis-seduta mizmuma fl-14 ta' Novembru, 2013 il-parte civile Philip Fiteni u Adriana Stencoane ddikjaraw li ma ghandhom l-ebda

pretensjoni kontra l-imputat Robert Fiteni u inoltre ddikjaraw li s-sitwazzjoni bejniethom u bejn l-istess imputat issa regghet marret lura ghan-normal u li m'ghandhomx joqghodu fl-istess fond mal-imputat.

**Dr. Mario Scerri M.D.** xehed fis-16 ta' Dicembru, 2013 illi huwa gie mqabbad fid-disgha t'Ottubru, 2013 sabiex jerga' jezamina lil Adriana Stencoane. Illi l-lezjoni fuq l-*obrideridge* meta rega' ezaminha nhar il-hamsa ta' Dicembru, 2013 ma kinitix tidher pero' dik l-abrazzjoni suppost tfieq minghajr formazzjoni ta' cikatrici u ma tibqax tidher li kienet twila xi 18cm pero parti minnha ta' xi 5cm fieqet bil-formazjoni ta' kiloid. Huwa qal li dan mhux normali ghaliex kiloid normalment issibha fuq nies b'karnagon skur. Il-kiloid sfortunatament tidher u tidher sew illi wiehed ma stenniex illi ha tiffurmalha kiloid ghax fil-fatt hafna mil-lezjoni fieqet b'mod normali. Qal illi l-kiloid maz-zmien tista' jekk ma tkunx permanenti tista' ticcara, u tmur pero' normalment ma tmurx kompletament. Sa dakinhar sa *walking distance* din ghadha tidher sew ghax il-kiloid hoxna aktar mil-lezjoni originali li kien hemm ghax il-kiloid huwa fibra li tipproliffera. Illi l-vittma inzertat li b'tip ta' natura li fforma dina l-kiloid.

Ix-xhud qal li jezistu l-injections biex ittaffi l-visibilita' tal-ferita li tista' tmur ghal kollox u tista' le u hemm anke *cosmetic surgeries*. Hemm ukoll creams li jistghu jghinu biex jimminimizzaw il-kiloid. Qal ukoll li

biex jerga’ jinvista sabiex jara kienx hemm tnaqqis fil-visibilita' wiehed l-ahjar jerhi sena.

Illi din il-kawza flimkien ma’ numru ta’ kawzi ohra gew assenjati lil din il-Qorti permezz ta’ digriet ta’ Assenjazzjoni mill Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Illi din il-Qorti kif preseduta appuntat il-kawza ghal quddiemha ghall-ewwel darba ghat-2 ta’ Mejju, 2014. F’din is-seduta dehru quddiemha l-imputat assistit minn l-avukat difensur tieghu u l-ufficjal prosekutur li ddikjaraw li kienu qed jezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga’ tisma x-xhieda mill-gdid u talbu li jixhed l-imputat u jressaq il-provi tad-difiza tieghu bil-ghan li din il-Qorti tkun tista’ tghati s-sentenza taghha.

L-imputat **Robert Fiteni** xehed minn jeddu u b’mod volontarju dakinhar tat-tnejn ta' Mejju, 2014, fejn xehed illi dakinhar ta’ l-incident fid-disgha ta' Mejju, 2013 huwa dahal id-dar t'ommu gewwa Haz-Zebbug ghall-habta ta' nofsinhar. Dak il-hin kien hemm ommu, huh Philip flimkien ma' Adriana Stencoane li hija t-tfajla ta' huh. Huwa nizzel il-qalziet minn wara u dak il-hin qam huh minn fuq is-sufan u ried isawtu u xtaq johrog sabiex ikissirlu l-karozza ghalkemm ommu u missieru zammewh. Dak il-hin l-imputat ma wera' l-ebda reazzjoni ghaliex hassu mkessah flimkien mat-tfajla tieghu u meta ra li ma setghax jiftah il-bieb ta' barra huh dahal fil-kamra tas-sodda

tieghu. Ommu u missieru ppruvaw izommuh waqt li beda jwaddab l-affarijiet ghal barra. F'dak il-hin ghal xi raguni l-bieb issakkar u huh qabez gox-shaft.

L-imputat xehed li huwa kien fil-kuritur bejn il-kamra fejn effettivament huh kien imsakkar gewwa u l-kamra minn fejn effettivament u sussegwentement hareg minnha. Rah gej ghal fuqu u Adriana Stencoane dak il-hin kienet fin-nofs u meta rah gej ghal fuqu dak il-hin qabad *trimmer* li kien waddablu huh u kien it-*trimmer* tal-widnejn u xejjru u laqatha. Hu stqarr li qabad it-*trimmer* sabiex jiddefendi ruhu minnu. Huh hafna akbar minnu bhala persuna u in segwitu Adriana Stencoane kellha xi dmijja fuq dirghajha. Ix-xhud stqarr illi llum il-gurnata r-relazzjoni ma' huh tjiebet u kull pendenza bejniethom spiccat u jitkellmu ma' xulxin b'mod normali.

**Rita Fiteni** xehdet fit-tnejn ta' Mejju, 2014 u stqarret illi hija tigi omm Robert Fiteni u kienet prezenti meta nqala' l-incident. Hija qalet li Robert Fiteni ghamel hmerija u Philip hass li hadha offiza kbira u sar aggressiv hafna u dak il-hin qam u ried ikisser il-karozza ta' Robert. Hija flimkien mar-ragel taghha pruvaw izommu lil Philip li ghandu statura ferm akbar minn dik ta' Robert. Xehdet illi Philip fettilu qabad *trimmer* tal-imnieher u tal-widnejn u waddaba minn gol-*bedroom* ghal gox-xaft u sadanittant binha Philip zgiccalhom. Ix-xhud rat lil Adriana Stencoane zzomm lil Philip ghaliex kien ferm aggressiv u dak il-hin Robert kien imwerwer u pprova jiddefendi lilu nnifsu. Adriana

Stencoane ppruvat tifred lil Philip minn ma’ huh Robert u x'gara aktar ix-xhud ma tafx. Hija ma tafx kif Adriana Stencoane giet milquta pero' rat id-dmijja fuq dirghajha li kien hierga minn girfa zghira. Illum it-tfal ghandhom relazzjoni tajba hafna.

Rat ghalhekk dak li gie verbalizzat in atti u cioe’ li l-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-fatti jidher li hemm qbil bejn il-partijiet u cioe’ dwar il-manjiera ta’ kif giet milquta x-xhud Adriana Stencoane u ‘l-ghala spiccat issofri minn ferita gravi.  Irrizulta is-segwenti:-

1. Illi nhar id-9 ta Mejju, 2013 waqt li Philip Fiteni hu l-imputat kien qieghed id-dar mat-tfajla tieghu u mal-genituri tieghu dahal l-imputat li jigi huh u bhala cajta nizzel il-qalziet li kien liebes minn wara f’wicc huh u t-tfajla tieghu u huh hassu offiz u rribella.

2. Jidher li Philip Fiteni rrabja hafna tant li ommu stess tiddiskrevih li kien aggresiv hafna u minkejja li hija ppruvat izommu flimkien ma’ zewgha u mat-tfajla tieghu Adriana Stencoane ma irnexxilhomx.
3. Jirrizulta li Philip xtaq johrog il-barra u jkisser il-karozza tal-imputat u l-genituri tieghu zammewh milli jghamel hekk.
4. Zgiccalhom u spicca fil-kamra tas-sodda tal-imputat, qabez mit-tieqa, spicca gox-xhaft u waddab it-*trimmer* li huh kellu fil-kamra.
5. Dak il-hin Philip kien sejjer lejn l-imputat u l-imputat sabiex jidddefendi lilu innifsu qabad it-*trimmer* li kien waqqab huh u laqat lit-tfajla ta’ huh.
6. Bhala rizulta ta’ dan it-tfajla Adriana Stencoane spiccat feruta b’ferita ta’ natura gravi skond ma xehdu t-tobba Dr Chloe Bugeja kif ukoll l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri.

Illi bhala fatti dawn huma. Id difiza sostniet li l-imputat ghamel dak li ghamel mhux ghaliex ried iwegga’ lil Adriana Stencoane izda sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni ta huh. Ghalkemm tammetti li verament l-imputat nizzel il-qalziet tieghu minn wara u setgha offenda lill-pudur u morali ta’ huh u tat-tfajla tieghu zgur li l-imputat ma kellux il hsieb li jwegga’ lill-vittma . Jidher bhala fatt li ukoll mhux kontestat li hu l-imputat huwa persuna aggresiva tant li tlett persuni ma setghux izommuh u in oltre li ghandu persuntu hafna akbar minn dik tal-imputat.

Illi d-difiza eccepiet id-difiza ta' legittima difesa u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha qabel xejn tispjega tali difiza u mbaghad tkompli biex tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mizzi** dwar id-difiza ta' legittima difesa. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Id-difiza ta' legittima difesa hija limitata ghall-kazijiet fejn persuna tkun qed tigi akkuzata b'omicidju voluntarju jew offiza volontarja fuq il-persuna mhux fejn l-akkuza tkun ma' xi reat iehor; in-necessita' hija differenti wkoll mid-difiza tal-koazzjoni, din tal-ahhar kontemplata fl-Artikolu 47(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Dwar il-fatt li l-imputat agixxa in legittima difesa l-Qorti tirrileva li hemm kontemplata fl-**Artikolu 223 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta s-segwenti:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita' legittima, jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

Fil-waqt li fl-**Artikolu 224 tal-Kap. 9**, dan isemmi certi kazijiet (li taht l-ebda mmaginazzjoni hi ezawrijenti) ta' necessita' attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazijiet huma biss ezempji.

Jigi rilevat li huwa veru li d-dritt ta' legittima jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza.

Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha u cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun <u>ingust, gravi u inevitabbli</u>.

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom, jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara ta' offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

Kif gie tenut fis-sentenza <u>**Il-Pulizija vs Joseph Psaila**</u> moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ghoxrin ta' Jannar, 1995**,** l-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri <u>l-perikolu ghandu jkun imminenti</u>, <u>ta' dak il-hin</u> u <u>mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel</u> ghax dak jista jaghti lok biss ghall- provokazzjoni u mhux

difesa legittima. Il-perikolu jrid ikun wkoll assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.

Hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza.

Kif fil-fatt l-**Imhallef Harding** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Attard** deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968 jghid:

"*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-**Carrara** li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat.

Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok ghal

provokazzjoni u mhux legittima difesa.  Il-perikolu jrid ikun assolut cioe’ li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.

Il-**Professur Mamo** jispjega li:

“*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Issa fil-kaz in desamina ma hemmx dubbju li l-imputat kien bezghan minnhu kif del resto kienu l-familjari kollha. Jidher li l-vittma ghandu persuntu hafna akbar minn tal-imputat u hadd ma seta’ izommu u ghalhekk m’hemmx dubju li l-imputat agixxa kif agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu u ghalhekk tali difiza fir-rigward tal-ewwel akkuza qed tigi akkolta.

Dwar it-tieni akkuza u cioe’ li huwa kkaguna biza’ lil huh Philip Fiteni u lil Adriana Stencoane biza’ li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-proprjeta’ taghhom jinghad li dan hu r-reat li hu prospettat fl-Artikolu 251B.  M’hemmx dubju li l-incident li bih huwa akkuzat l-imputat huwa ncident wiehed u izolat.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **<u>Il-pulizija vs Brian Micallef</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fejn gie ritenut li ghall-ezistenza ta' dan ir-reat irid ikun hemm mill-inqas zewg okkazjonijiet. Jinghad f'din is-sentenza li "*isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setghet qatt twassal ghal sejbien ta' htija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skond l-appellant "l-imgieba li tissemma' fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' l-anqas zewg okkazzjonijiet*". Issir ukoll referenza ghas-sentenza ta' dik l-istess Qorti fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Raymond Parnis</u>** tal-24 ta' April, 2009. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "*on at least two occasions*."

Konsegwentement din it-tieni akkzua ma tirrizultax ippruvata.

Dwar it-tielet akkuza naxxenti mill-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap. 9 u cioe' li huwa ngurja u hedded lil Philip Fiteni u lil Adriana Stencoane jidher li l-kwerelanti rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u ddikjaraw li m'ghandhom l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra tieghu u konsegwentment din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tielet akkuza.

L-istess jista' jinghad ghar-rigward ir-raba' akkuza li hija naxxenti mill-**Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Dwar il-hames akkuza u cioe' naxxenti mill-**Artikolu 209 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li huwa offenda l-pudur u morali ta' Adriana Stencoane jidher li din tirrizulta provata u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati taghha.

Dwar il-piena l-Qorti semghet lil Adriana Stencoane u l-familjari tal-imputat jghidu li llum m'ghadx hemm pendenzi bejniethom u li lkoll qed jghixu flimkien bhala familja u ghalhekk ma thossx li ghandha tinflingi piena harxa molto piu' meta tqis li l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-**Artikoli 17, 23, 31, 209, 214, 215, 218(1)(b)(2), 217, 251B, 251C, 339(1)(d)(e), 373, 382A, 383, 384, 386, 412C, 533 u 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed tilqa' id-difiza ta' legittima difesa fir-rigward tal-ewwel akkuza u ghalhekk tilliberah minnha, tilliberah mit-tieni akkuza peress li ma tirrizultax, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' akkuza peress li l-kwerelanti rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u tiddikjara li ssibu hati tal-**

**hames akkuza u tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tohrog Ordni ta' Protezzjoni l-Qorti rat li kienet l-istess kwerelanti li ddikjarat li m'ghadx ghandha pretensjonijiet kontra l-imputat u ghalhekk fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni tastjeni milli tiehi konjizzjoni ta' tali talba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------